# EŻAMIJIET ANNWALI TAL-*JUNIOR LYCEUM* 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**IR-RABA' SENA STUDJI SOĊJALI (Ġenerali) ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**Taqsima A**

**Aqra din is- silta u wieġeb il-mistoqsijiet kollha f'mhux anqas minn 40 kelma.**

Madwar id-dinja it-tfal kollha huma mgħallma għadd ta' regoli ta' mġiba u valuri li jippreparawhom għall-ħajja adulta fis-soċjeta' tagħhom. Hekk kif bdiet tikber l-industrijalizzazzjoni, ħafna intebħu li jekk iridu jgħollu l-livell tal-ħajja tagħhom, jeħtiġilhom jiksbu l-edukazzjoni dejjem iżjed għolja. Dan ġab miegħu mobilita' soċjali 'l fuq. Il-mobilita' soċjali tiddependi mill-edukazzjoni.

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet**

1. Spjega il-frażi "ħajja adulta fis-soċjeta'".
2. Għaliex r-regoli ta' mġiba huma ta' bżonn għas-soċjeta'?
3. X'tibdil soċjali ġabet magħha l-industrijalizzazzjoni?
4. Xi tfisser mobilita' soċjali?
5. Agħti eżempji oħra ta' kif tista' sseħħ il-mobilita' soċjali.
6. Għaliex fid-dinja li qed ngħixu llum, huwa importanti li individwu jkollu livell tajjeb ta' edukazzjoni?

**(6x5marki)**
**(Total 30 marka)**

**Taqsima B**

**<u>Oħroġ id-differenza bejn</u>**

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | familja nukleari | u | familja estiża |
| b. | settur primarju ta' l-ekonomija | u | settur terzjarju ta' l-ekonomija |
| c. | edukazzjoni tul il-ħajja | u | edukazzjoni post-sekondarja |
| d. | familja patrijarkali | u | familja simetrika |
| e. | bidla soċjali evoluzzjonarja | u | bidla soċjali revoluzzjonarja |

**(5x4 marki)**
**(Total 20 marka)**

**Taqsima Ċ**

**Wieġeb dawn il-mistoqsijiet fl-ispazju provdut.**

1. Xi tfisser stratifikazzjoni soċjali? Agħti eżempji ta' klassijiet soċjali li jeżistu f' Malta.

**5 marki**

2. Xi rwol għandha t-teknoloġija fil-qasam edukattiv?

**5 marki**

3. Għaliex il-kontroll soċjali huwa meħtieġ għas-soċjeta'?

**5 marki**

4. Liema huma l-aġenti ta' soċjalizzazzjoni primarja u dik sekondarja?

**5 marki**

5. Xi tfisser meta ngħidu "soċjeta' demokratika?"

**5 marki**

**(Total 25 marka)**

**Taqsima D**

**Agħżel wieħed minn dawn u ikteb fit-tul.**

1. X'importanza għandu s-settur terzjarju fil-qasam ekonomiku?
2. Il-pluraliżmu f'soċjeta' demokratika.
3. Kull bidla soċjali ġġib magħha diskussjoni: min jaħseb li ġġib progress u min jaħseb li xejn ma jsir tajjeb. Iddiskuti.
4. X'rabta hemm bejn stratifikazzjoni soċjali u klassi soċjali?
5. Ir-rwol tal-familja fis-soċjeta' moderna.

**Total 25 marka**